MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Numru. 1137/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**Vs**

**Tanio Spiteri**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Tanio Spiteri** maghruf ukoll bhala Geatan Spiteri ta’ 31 sena, iben Alfred u Rita nee’ Falzon, mwieled il-Hamrun, nhar il-5 ta’ Gunju 1981 u residenti Alpha Court, Flat 8, Blk B, Triq Louis Scicluna, Fgura jew Solejado Flat 1, Triq l-Isqof Pietru Pace, Paola, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 279281M, gie akkuzat talli :

Fi Frar 2012, f’Malta, tajt, jew ftiehemt li tagħti jew offrejt jew ipproponejt lil xi persuna oħra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-oħra ghandha tagħti jew tiftiehem li tagħti jew toffri, xi rigal jew kumpens lil xi

player, biex tħajru jagħmel jew bi tpattija talli jagħmel jew jonqos milli jagħmel, jew talli, wara li jkun beda jseħħ l-Att Dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' Players, ikun għamel jew naqas milli jagħmel xi ħaġa li, jekk issir jew jonqos milli ssir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) jew (2) ta' l-istess Att Dwar il-Prevenzjoni ta' Xiri ta' Players.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti;

Rat li fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2013 saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif ukoll tad-difensur in tema ta` piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu tinsab sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena jew sanzjoni applikabbli l-Qorti qieset sew l-ammissjoni ta` l-imputat fl-ewwel okkazjoni li kellu quddiem il-Qorti, kif ukoll dak li jiddisponi l-Artikolu 9(1)(a) tal-Kapitolu 263, li jghid testwalment :

(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 8, kull persuna li tinsab ħatja ta' reat kontra –

(*a*) id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3 teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) u mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u priġunerija għal

żmien ta' mhux inqas minn erba' xhur u mhux iżjed minn sentejn;

Din il-Qorti tfahhar lill-awtoritajiet koncernati ghall-isforzi li jaghmlu sabiex jiggieldu kull forma ta` korruzzjoni fl-isport. Kif wiehed jista jara, l-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta` Malta, jikkontempla pieni sostanzjali. L-impozizzjoni ta` pieni horox f'kazijiet ta` korruzzjoni fl-isport tkun, mhux biss qed tissodisfa l-vot tal-ligi, izda tibghat messagg car lil kull min jithajjar jinvolvi ruhu f'atti ta` korruzzjoni sabiex jahsibha u jahsibha sew qabel ma jkun tard wisq.

**Ghall-dawn il-mottivi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 3 u 9 tal-Kapitolu 263 tal-Ligijiet ta` Malta, ssib u tiddikjara lil Tanio Spiteri hati tal-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta` multa fis-somma ta` hames mitt Euro (€500) u prigunerija ta` sitt (6) xhur izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ta` prigunerija ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` sena mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------